MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1199/2004

**Mary Vella; Vincenza Micallef bhala prokuratrici tal-assenti Rita Mifsud; u Marcette Aquilina bhala prokuratrici tal-assenti Teresa Mifsud**

**Vs**

**Alfred Attard**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm594.15c (hames mija w erbgha u disghin lira Maltin u hmistax-il centezmu) in kwantu ghas-somma ta' Lm297.07c (mitejn u sebgha u disghin lira Maltin u seba' centezmi) rapprezentanti l-ammont spettanti lill-attrici Maria Vella, in kwantu ghas-somma ta' Lm148.54c (mija u tmienja w erbghin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu) rapprezentanti l-ammont spettanti lill-attrici Vincenza Micallef bhala prokuratrici ta' l-assenti Rita

Mifsud, u in kwantu s-somma ta’ Lm148.54c (mija u tmienja w erbghin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu) rapprezentanti l-ammont spettanti lill-attrici Marcette Aquilina bhala prokuratrici ta’ l-assenti Teresa Mifsud mis-somma zbankata mill-konvenut bhala kuratur tas-sidien mhux maghrufa tal-utile dominju temporanju ta’ porzjon art fil-limiti tar-Rabat depozitata l-Qorti mill-Kummissarju ta’ l-Artijiet permezz ta’ Cedola ta’ Depozitu numru 672/2002, ta’ liema utile dominju temporanju l-atturi huma sidien flimkien ma’ ohrajn bhala eredi tad-defunta Maria Grazzja Attard, mart Joseph Attard.

Bl-ispejjez kollha nkluz dawk ta’ ittri nterpellatorji spediti lill-konvenut u bl-imghax legali mis-7 ta’ Lulju, 2002 id-data tal-izbank, sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lil Mary Vella tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------